MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Numru 1008/2006

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

David Gaffarena

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru: 653262(M) akkuzat talli:

1. nhar is-26 ta’ Lulju, 2006 ghall-habta tal-4p.m. u fix-xhur jew jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew

helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. (Sez 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess perjodu w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Art. 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Sez. 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. fl-istess perjodu w cirkostanzi f'Paceville jew/u f'postijiet ohra, ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioè ghamel uzu minn numru tar-registrazzjoni LCC-619 ta' vettura t'ghamla 'Kia Avela' fuq vettura ohra t'ghamla 'Vespa Piaggio' (Sez. 15 (1A) Kap 65)

4. data, lok, hin u cirkostanzi saq jew ghamel uzu minn vettura t'ghamla 'Vespa Piaggio' minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill- Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (Sez. 18 MVR., Sez. 15 (1)(a)(3) Kap. 65)

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq jew ghamel uzu minn vettura t'ghamla Vespa Piaggio minghajr ma kienet koperta b'Polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni. (Sez. 3(1) Kap. 104).

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq jew ghamel uzu minn vettura bil-mutur t'ghamla Vespa Piaggio minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill- Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li minbarra li tigi moghtija l-piena stabbilita f'kaz ta' htija, tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jzomm ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xhar u l-konfiska ta' l-istess vettura imsemmija hawn fuq.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi fl-udjenza tal-lum l-imputat irregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Illi l-akkuzi kontra l-imputat huma varji izda lkoll jemmanu minn fatt wiehed li jikkonsisti f'falsifikazzjoni tan-numru ta' registrazzjoni ta' mutur lambretta.

Wara li kkonsidrat kollox l-Qorti qeghdha taghzel li tillibera lill-imputat taht id-dispost tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------